# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M.,LL.D

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2017

Appell Nru: 120/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Albert Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat Albert Caruana detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 192668M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Mejju, 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

A. Fil-kapacita' tieghek ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghek jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamilt uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi jkunu gew fdati lilek minhabba l-kariga jew impjieg tieghek, jew sraqthom ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

B. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema somma giet fdata jew kunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd il-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek.
C. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ikkommetejt serq ta' medicina u oggetti ohra, liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-valur ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kas ta' htija: tqis lill-imputat Albert Caruana bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret defenittiva u ma tistghax tigi mibdula; barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti; tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Marzu, 2015, li biha sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' hames (5) xhur li minnhom kellu jitnaqqas iz-zmien illi huwa ghamel taht arrest u rrakomandat lill-Awtoritajiet kompetenti li jikkunsidraw l-imputat ma jitlifx l-impjieg tieghu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellat instab hati mill-akkuzi kollha migjuba kontrih, filwaqt li

tirrevoka fil-bqija fis-sens li timponi piena fil-parametri tal-ligi u aktar idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma cari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha hawn fuq riferita, ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi u dan peress li l-piena erogata kienet wahda ferm taht il-minimum preskritt mill-ligi. In oltre fl-umli fehma tal-prosekuzzjoni r-ragunijiet ghall-applikazzjoni ta' piena taht il-minimum ma jiklassifikawx bhala ragunijiet straordinarji sufficjenti u anki jekk dawn jitqiesu bhala tali d-distakk bejn il-minimu permissibbli mill-ligi f'dan il-kaz u l-piena mposta hija wahda eccessiva;

Rat l-eccezzjoni tal-appellat kif registrata fis-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2016 li biha eccepixxa n-nullita' tas-sentenza appellata minhabba karenza konsisteni fin-nuqqas tal-fatti skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-abbli difensuri;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni ta' nullita' tas-sentenza appellata sollevata mill-appellat bil-lanjanza li l-istess sentenza hija karenti f'wahda mill-formalitajiet rikjesti mill-ligi. L-appellat jargumenta illi s-sentenza tal-ewwel Qorti ma tinkludix deskrizzjoni tal-fatti tal-kaz kif jitlob tassattivament l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali;

2. Ezaminata s-sentenza in kwistjoni huwa minnu illi l-Magistrat decident kien ekonomiku hafna fi kliemu meta rrediga l-istess u kien ikun aktar desiderabbli li minflok elenku tal-persuni li xehedu, li frankament huwa wiehed inutili la darba jirrizulta mill-atti, inghata, anke jekk fil-qosor hafna, l-aspett l-aktar importanti tad-deposizzjoni taghhom li wassal lill-ewwel Qorti biex issib htija. In rigward u

opportunement, tajjeb li jinghad illi riproduzzjoni fis-sentenza ta' kull sillaba pronunzjata minn xhud, anke jekk ta' ebda mportanza ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni devoluta quddiemha huwa daqstant iehor mhux desiderabbli, izda dan si tratta taz-zewg estremi li ghandu dejjem ikun evitat;

3. Fis-sentenza hawn skrutinata, il-Magistrat decidenti, wara li ghamel elenku tal-persuni li tressqu bhala xhieda, ddikjarat hekk: "*Illi, mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni rnexxielha li tissostanzja l-akkuzi kollha migjuba kontra dan l-imputat. Dina l-Qorti hekk qieghda taghmel u qieghda ssibu hati*". Dan konvenut u minkejja l-brevita' taghha, s-sentenza appellata ma tippekka minn ebda nuqqas ta' formalita rikjesta mill-artikolu 382 tal-Kapitolu 9. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> **382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**.

4. Meta fis-sentenza taghha l-Qorti ssemmi, u f'dan il-kaz tirriproduci, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, tkun essenzjalment qed tghid il-**fatti** li dwarhom huwa kien ipprocessat b'mod allura li ikun sodisfatt ir-rekwizit kontemplat fl-artikolu 382. Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fin-nota ta' referenza tieghu, dan il-punt kien mertu ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom Il-Pulizija vs Peter Abdilla 28.7.2010; Il-Pulizija vs Mariella Caruana 1.12.2010; Il-Pulizija vs John Tanti 24.1.2013 u l-Pulizija vs Carmelo Polidano 11.12.2013. Meta l-artikolu 382 jitlob li jissemmew il-fatti ma jkunx qed jitlob ukoll ir-ragunijiet, jew motivazzjoni li wasslu ghas-sejbien ta' htija. Il-legislatur jiddistingwi bejn il-fatti u l-motivazzjonijiet tant illi fl-artikolu 662(2) tal-Kodici Kriminali jsemmi b'mod car illi "**kull decizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi, ghandu jkun fiha qabel kollox ir-ragunijiet li jkunu wasslu l-qorti**

**ghal dik id-decizzjoni**". Ghal fini ta' validita' ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghalhekk, indikazzjoni tal-fatti fil-forma ta' riproduzzjoni tal-imputazzjoni, li ma hi xejn ghajr il-fatt imputat, tissodisfa r-rekwizit ravvizat fl-artikolu 382;

5. Il-konvinciment ta' din il-Qorti huwa ukoll assodat mis-sentenzi citati mill-appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ghaliex dawn jew ma ghandhom l-ebda somiljanza mal-kwistjoni hawn devoluta jew jirritjenu dak kunsidrat *supra*. L-appellat jibda biex isemmi is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Joseph Pisani tat-22 ta' Settembru 2016. F'dik il-kawza kienet qamet il-kwistjoni jekk is-sentenza bil-firma tal-Magistrat minghajr il-firma tar-Registratur tal-Qorti hijiex valida jew le. Stabbilita l-validita' tas-sentenza kien konfermat ukoll illi riproduzzjoni tal-imputazzjoni soddisfa l-vot tal-ligi li tirrikjedi esposizjoni tal-fatti. Is-sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Azzopardi et kienet citata bla data u ghalhekk mhix traccabbli. Il-Pulizija vs Mario Agius tikkonferma illi n-nuqqas ta' osservanza tal-artikolu 382 jammonta ghal-nuqqas ta' formalita' sostanzjali, u Il-Pulizija vs James Demanuele hija dwar nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikoli li dwarhom kienet instabet htija mill-ewwel Qorti li allura tammonta ghal-nuqqas ta' formalita' sostanzjali ex artikolu 382 u kwindi ggib maghha n-nullita' tas-sentenza. Is-sentenza Il-Pulizija vs Paul Cachia 25.9.2003 ukoll titratta dwar nuqqas tal-ewwel Qorti li ssemmi l-artikoli tal-ligi li dwarhom instabet htija u ghalhekk hawn ukoll ma hemm l-ebda referenza ghal-kwistjoni konsimili igifieri favur it-tezi tal-appellat li, skond hu, mhux bizzejjed li l-Qorti tal-Magistrati ssemmi l-imputazzjonijiet izda jehtieg li taghti r-ragunijiet ghas-sejbien ta' htija;

6. Stabilit dan, l-eccezzjoni tal-appellat qed tkun respinta;

7. Opportunement jinghad izda, illi kif jemergi mis-sentenzi anke minn uhud minn dawk appena riportati, huwa wisq desiderabbli illi s-sentenza tkun tinkorpora r-ragunament tal-Qorti li jkun wassal ghad-decizzjoni taghha. L-imputat jimmerita li jkun jaf x'wassal lill-Qorti

sabiex issibu hati u hekk ukoll il-prosekutur li jkun jaf ghaliex ma nstabitx htija. Id-dritt sagrosant tal-appell ghandu minnu nniffsu jinferixxi dritt li l-appellant ikun jaf r-ragunijiet li wasslu ghad-decizzjoni minnu lamentata. Daqstant iehor huwa ta' mportanza ghal raguni ta' trasparenza kif ritenut fis-sentenza citata *supra* Il-Pulizija vs Joseph Pisani. Quddiem il-Qorti tal-Magistrati llum jingiebu kawzi ta' natura serjissima punibbli bi prigunerija sa tnax-il sena u fejn bil-konkors tar-reati ex artikolu 17(b) z-zmien ta' prigunerija kien limitat sa massimu ta' 35 sena, dan il-massimu llum tnehha bl-Att XXIV tal-2014 b'mod allura li ma hemmx limitu ghaz-zmien li persuna tista' tkun inkarcerata b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (hlief naturalment ghall-limiti tal-komputazzjoni imsemmija fl-istess artikolu 17(b)). Statistikament, il-Qrati tal-Magistrati fejn si tratta ta' imputazzjonijiet li ma jkunux ta' natura kontravvenzjonali, invarjabbilment ikunu konkluzi b'motivazzjonijiet jew konsiderazzjonijiet u tarament Qorti tiddisponi minn tali kawzi billi semplicement tiddikjara htija bhal fil-kaz odjern. Madanakollu jidher illi huwa desiderabbli u wasal iz-zmien illi jkun tassattiv li fis-sentenza taghha l-Qorti taghti, *ad validitatem* ukoll ir-ragunijiet li jkunu wasslu ghad-decizzjoni taghha. Fi kliem iehor, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jehtieg li jkun aggornat, hlief naturalment ghal-dawk il-kawzi fejn si tratta ta' kontravvenzjonijiet.